MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 260/2011

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attrici li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat li minnha twieldet il-minuri R li twieldet nhar it-tlieta (3) t'April tas-sena elfejn (2000) li llum ghandha l-eta ta' hdax (11) –il sena u liema relazzjoni sfaxxat fix-xejn circa disa` (9) snin ilu;
2. Illi l-intimat irrikonoxxa lill-istess minuri bhala bintu u fil-fatt qieghed indikat bhala l-missier tal-istess wild fuq ic-

certifikat tat-twelid li ghandu n-numru wiehed tnejn hamsa tmienja (1258) tas-sena elfejn (2000) hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. LB1’

3. Illi l-esponenti tirrilevi illi l-intimat ghandu xi wild jew anke ulied minn relazzjonijiet ohra – xhieda tal-irresponsabbilita` tieghu u nuqqas ta’ komportament matur tieghu;

4. Illi permezz ta’ digriet bin-numru 905/2002 moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, ghar-rikors tal-esponenti datat 21 ta’ Marzu tas-sena 2002 fejn ir-rikorrenti kienet talbet sabiex jigi ffissat l-manteniment li ghandu jithallas mill-intimat ghall-bintu, il-Qorti ddecediet illi fic-cirkostanzi ta’ dak iz-zmien, u cioe` peress li l-intimat ma kienx qed jahdem izda kien qieghed jirregistra, l-obbligu tal-intimat kienet li jhallas il-manteniment ghal bintu s-somma totali ta’ hames Liri Maltin (LM5) fil-gimgha, illum ekwivalenti ghal hdax-il Ewro u hamsa u sittin Ewro centezmu (€11.65) fil-gimgha;

5. Illi l-esponenti qieghda tghix ma binthom il-minuri god-dar tal-genituri taghha fil-fond li jinstab f’Blokk 2, Flat 25, Gebel San Martin, Binja San Klement, Indipendenza, Qormi;

6. Illi t-trobbija tal-minuri qed taqa’ esklussivament f’idejn l-esponenti u kwalunkwe spejjez qieghda tinkorrihom unikament hi stess peress li l-intimat mhux qed juri ebda interress versu binthom;

7. Illi l-esponenti qieghda f’sitwazzjoni finanzjarja prekarja u spiccat dipendenti ghal kollox fuq qraba u hbieb kemm ghat-trobbija ta’ bintha u kif ukoll ghall-ghejxien taghha ta’ kuljum;

8. Illi minn informazzjoni li rnexxielha tigbor l-istess esponenti, l-intimat qieghed jahdem mal-kumpanija *Sterling Security Services* Limited, specifikament mal-

*branch* ta' Hal Qormi u ghalhekk ghandu mezzi finanzjarji adegwati biex jmantni lil bintu;

9. Illi *di piu`* meta l-intimat jezercita d-dritt tieghu ta' access ghal bintu, hu dejjem isostni illi huwa ma jistax iforni manteniment ghaliex ma jahdimx meta l-esponenti ghandha informazzjoni illi C D gieli hadem ghal perjodi konserevoli u fil-prezent qieghed jahdem hekk kif hawn fuq imsemmi;

10. Illi fil-Proceduri tal-Ittra ta' Medjazzjoni li kienu injizjata mill-esponenti nhar l-erbgha u ghoxin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011), ghaldarb'ohra gie ntavolat rikors da parti tal-esponenti, nhar il-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011), bit-talba ghal manteniment adegwat, ghal-liema rikors din l-Onorabbli Qorti iffissat ir-retta alimentarja bhala manteniment ghat-tifla minuri ta' (€140) kull erba' gimghat oltre nofs l-ispejjez medici u edukattivi;

11. Illi l-esponenti ma kellhiex triq ohra ghajr illi tinjizza dawn il-proceduri wara li giet debitament awtorizzata b'digriet ta' din l-Opnorabbli Qorti datat sitta (6) ta' Lulju 2011, li kopja legali tieghu tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. LB2';

12. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tassenja u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-esponenti b'mod esklussiv;
2. Tiddikjara li l-intimat huwa obbligat li jhallas manteniment lill-esponenti f'isem binthom minuri;
3. Tiffissa dik ir-retta alimentarja mensili ghall-hlas tal-manteniment ghal binthom;
4. Tordna lill-intimat ihallas il-manteniment kif hekk iffissat;

5. Tiffissa l-jiem, hinijiet u kundizzjonijiet li permezz taghhom l-intimat ikollu access ghall-imsemmija minuri;

U dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li lilha jidhrilha huma xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut ma pprezentax risposta guramentata, u b'hekk baqa' kontumaci f'din il-kawza;

Semghet ix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri R D li twieldet nhar it-3 ta' April 2000 (ara a fol 6 tal-process), b'talba specifika sabiex il-Qorti tiffissa u tordna lill-intimat ihallas il-manteniment dovut ghall-istess minuri filwaqt li takkordalu access ghall-istess minuri.

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

## <u>Verzjoni Attrici</u>

Ir-rikorrenti tghid li bdiet tohrog mal-intimat meta kellha sittax -il sena fuq il-post tax-xoghol li dak iz-zmien kellhom in komuni. Tghid li r-relazzjoni taghhom ma kienitx wahda

tajba izda komplew b'diffikulta'. Tghid li kienu fizikament attratti lejn xulxin izda kien hemm inkompatibilita' ta' karattru. Kien hemm perjodu fejn ir-relazzjoni taghhom spiccat ghaliex ir-rikorrenti hasset hekk izda wara diversi kuntatti ma' oht l-intimat, ir-relazzjoni tal-partijiet regghet kompliet minn fejn kienet waqfet. Ir-rikorrenti tghid li fost ir-ragunijiet ghala kienet telqet lill-intimat kien hemm il-fatt li kien vjolenti maghha, kien jiffrekwenta tfajliet ohrajn u kien jigdeb. Apparti minn hekk l-intimat kien persistenti hafna li jaghmel atti intimi maghha ta' spiss fil-gimgha.

Fi zmien disa' xhur minn mindu regghu qabdu r-relazzjoni ta' bejniethom, ir-rikorrenti harget tqila bil-minuri R, tant li fl-ahhar xahrejn tat-tqala, kienet kostretta tmur tghix mieghu fid-dar tal-genituri tieghu ghaliex li kieku m'ghamlitx hekk, kien ser jihodha xi mkien biex isirilha abort.

Fiz-zmien li ghamlu jghixu flimkien ghand il-genituri tieghu, r-rikorrenti tghid li l-intimat baqa' johrog tard bil-lejl u ma kienx jaghtiha informazzjoni dwar fejn kien sejjer u kien ukoll jerfa' jdejh fuqha waqt li jippretendi li tghin lil ommu fit-tindif tad-dar minkejja li kienet tqila.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-familja taghha ma hadux l-ahbar li hija tqila b'mod tajjeb. Baqghet tghix ghand il-genituri tieghu sa' sena u disa' xhur wara t-twelid tat-tarbija ghaliex l-intimat ried li jerga' johrog lir-rikorrenti tqila minkejja li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda hazina.

Ir-relazzjoni ta' bejn l-intimat u l-minuri (dejjem skond dak li ssostni r-rikorrenti) hija wahda li hija ahjar deskritta bhala wahda inkonsistenti fis-sens li rari ha interess fiha u johrogha biss meta l-familja tieghu ikunu ser jaghmlu xi harga. Barra minn hekk tispjega li l-intimat m'ghandux mod ta' kif jiddixplina t-tifla tant li jghajjat maghha bl-iskuza tad-dixxiplina u ssemmi episodju wkoll fejn kien ser jifgaha. In-nanna paterna ukoll kien taha xebgha u fil-fatt ir-rikorrenti tghid li fuq dawn l-episodji gew istitwiti proceduri fil-Qorti izda sussegwentement, peress li n-nannu patern kien diga' wehel il-habs fuq xi serq, ghazlet li tahfer sabiex tevita li jerga' jmur il-habs.

Issemmi wkoll episodju fejn ghajjar lill-minuri *handicapped* ghaliex m'obditux mill-ewwel (meta l-istess minuri hija *slightly autistic*). Issemmi wkoll episodju fejn l-intimat beda jghajjar lill-minuri fil-prezenza kemm tar-rikorrenti kif ukoll tan-nanniet materni li ma kienitx ser tkun timxi sew u ghalhekk tghid li m'ghandux attitudni tajba maghha biex jipprova jikkomunika maghha, ahseb u ara li jiehu hsiebha u jrabbiha.

**<u>Verzjoni Intimat</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-intimat, ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma ntavola ebda risposta guramentata tieghu u ovvjament lanqas ma intavola kontro-talba biex jipprova jirribatti dak li qieghda ssostni r-rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan in-nuqqas u *stante* li l-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-istess intimat, il-Qorti trid necessarjament tasal ghall-konkluzjoni taghha abbazi tal-provi migjuba quddiemha u fuq kollox abbazi tal-principju ta' x'inhu fl-ahjar interessi tal-minuri. Dan qieghed jinghad ukoll fl-isfond li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat m'ghandu ebda interess li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Omm ir-rikorrenti tghid li kienet thoss li bintha ma kellhiex futur mal-intimat. Ix-xhud tikkonferma dak li tghid ir-rikorrenti u cioe' li meta l-partijiet kienu hassru, oht l-intimat kienet iccempel biex tipprova terga' tirranghom u fil-fatt hekk gara ghalkemm omm ir-rikorrenti regghet tatha l-parir biex titronka r-relazzjoni. Ir-rikorrenti ghazlet li ma tiehux il-parir ta' ommha u ttamat li l-karattru tal-intimat kien ser jinbidel. Tikkonferma wkoll li l-intimat kien juri disrispett lejn ir-rikorrenti bintha u lejhom bhala l-genituri tar-rikorrenti, tant li kien sahansitra jghajjar ukoll lix-xhud bi kliem dispreggjattiv.

Wara t-twelid tal-minuri, l-intimat kien rarament jiehu lir-rikorrenti ghand il-genituri taghha u jiehu lin-neputija

ghandhom. Tghid ukoll li hi u zewgha narament kienu jmorru ghand il-genituri tieghu biex jaraw lil binthom u lin-neputija taghhom ghaliex ftit kienu jilqghuhom.

Ix-xhud tikkonferma wkoll li l-intimat ghadu jhallas biss is-somma ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) fil-gimgha bhala manteniment ghal bintu. Tghid ukoll li l-intimat kien jiehu c-cekk li r-rikorrenti kienet tircievi mill-Gvern bhala ghajnuna specjali u jaghtiha biss ftit tal-euro lura. Ix-xhud tikkonferma wkoll l-attitudni hazina tal-intimat u li jghajjar lil bintu stess immankata u zzid tghid ukoll li meta l-minuri tmur ghand il-familja tal-intimat, tigi lura d-dar imbezza u bil-guh. Tikkonferma li l-minuri taqla' s-swat u li ttiehdu proceduri kontra l-intimat u zzid tghid ukoll li wara li hargu mill-ghassa tal-Pulizija, l-intimat waddab l-irmied tas-sigarett f'ghajnejn ir-ragel taghha u cioe' missier ir-rikorrenti.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-partijiet fl-atti ta' din il-kawza m'humiex mizzewgin izda frott tar-relazzjoni li huma kellhom, twieldet il-minuri R li llum il-gurnata ghandha tnax-il sena. Ir-rikorrenti tghid li l-intimat huwa ragel irresponsabbli ghaliex ghandu ulied minn terzi u minn relazzjonijiet ohra, liema fatt skond ir-rikorrenti juri l-immaturita' u l-irresponsabbilita' da parti tal-istess intimat. Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li dan l-argument fil-konfront tal-intimat ma jregix *stante* li r-rikorrenti wkoll kellha bint mill-intimat u z-zewg partijiet huma responsabbli indaqs ghal dan. Li hu importanti u relevanti ghall-Qorti huwa x'gara wara t-twelid tal-istess tarbija u cioe' jekk il-partijiet jew ghall-anqas wiehed jew wahda minnhom immaturatx u assumietx ir-responsabbilita' shiha li ggib maghha tarbija jew le.

Jirrizulta wkoll li l-minuri hija *slightly autistic* u ghalhekk ghandha bzonn *speech therapy*. Ir-rikorrenti qieghda tiehu hsieb dan l-aspett tal-minuri billi tibghatha ghal din it-terapija fil-Berga tal-Gvern taz-Zejtun. Permezz ta' nota prezentata in atti, r-rikorrenti tannetti diversi dokumenti mahruga minn entitajiet differenti rigward l-*assessment* tal-minuri u rapporti ohra relatati mal-istess minuri

minhabba l-kondizzjoni taghha. Il-Qorti tirrileva li tali dokumenti huma prova ta' kemm ir-rikorrenti qieghda taghmel dak kollu li hu possibbli ghal bintha sabiex taraha miexja 'l quddiem fil-hajja u taraha taghmel avvanzi. Barra minn hekk, dawn id-dokumenti juru wkoll li b'mod konsistenti u ghal numru ta' snin, kienet dejjem ir-rikorrenti li hadet hsieb lil bintha f'kull aspett ta' hajjitha. L-istess ma jistax jinghad ghall-intimat li jidher li huwa totalment disinteressat mill-minuri.

**<u>Dwar it-Talba Ghall-Kura u l-Kustodja</u>**

Jigi rilevat li sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tordna u tafda l-kura u l-kustodja ta' minuri f'idejn persuna (f'dan il-kaz it-talba hija da parti tal-omm) trid necessarjament tara li l-ahjar interessi tal-minuri huma salvagwardjati akkost ta' kollox u dan anke in vista tal-obbligazzjonijiet internazzjonali li l-Qorti hija marbuta bihom. Il-Qorti hija obbligata li tevalwa kollox u tiehu l-ahjar decizjoni fid-dawl tal-principju tal-ahjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud** fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***". Il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghti sostenn lil dan l-argument *stante* li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun bazata d-decizjoni tal-Qorti.

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car mill-atti u mill-provi migjuba quddiemha li matul is-snin kienet dejjem ir-rikorrenti li hadet hsieb lill-minuri b'mod kostanti u dan ad eskluzjoni tal-intimat. Jigi rilevat ukoll li mid-dokumenti esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car ukoll li r-rikorrenti qieghda taghmel dak kollu li hu possibbli ghal bintha li ghandha bzonnijiet specjali, tant li qieghda tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex tara li bintha tavvanza. Tali provi

juru bhala stat ta' fatt li l-istess rikorrenti ghandha ghal qalbha dak li hu fl-ahjar interessi ta' bintha. L-istess ma jistax jinghad ghall-intimat li jara lil bintu b'mod sporadiku u meta dan isehh, l-attitudni tieghu maghha hija wahda negattiva ghal kollox.

**Dwar it-Talba Ghall-Manteniment**

Ir-rikorrenti, fir-rikors promotur taghha taghmel referenza ghal zewg digrieti ta' din il-Qorti u cioe' d-digriet moghti fis-sena 2002 fejn gie deciz li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' 11.65Euro fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri filwaqt li sussegwentement fis-sena 2011 il-Qorti iffissat il-manteniment dovut ghas-somma ta' mija u erbghin ewro (€140) kull erba` (4) gimghat oltre nofs l-ispejjez medici u edukattivi. Permezz tal-affidavit taghha, r-rikorrenti ssostni li l-intimat ghadu jhalas il-manteniment hekk kif kien degretat precedentement, apparti l-fatt li lanqas ma jhallas l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-istess minuri.

Ir-rikorrenti tikkontendi wkoll permezz tar-rikors promotur taghha li l-intimat ghandu impjieg ma' kumpanija tas-sigurta' u ghalhekk qieghed f'posizzjoni li jmantni lil bintu. Dan hu kkonfermat mix-xhieda ta' David Stubbings in rapprezentanza tas-socjeta' Sterling Security Services Limited fejn jiddikjara li l-intimat huwa impjegat fuq bazi *full-time* bhala *security guard*. Fil-fatt mill-FS3 tas-sena 2011 li jipprezenta jirrizulta li l-intimat ghandu introjtu ta' 10,176Euro. Barra minn hekk, hekk kif jirrizulta mill-istess xhieda, kien hemm zmien meta l-intimat kellu wkoll *allowance* ta' 20Euro.

Mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-Banek jirrizulta li l-intimat m'ghandux ammonti sostanzjali fil-kontijiet bankarji tieghu anzi jirrizulta li ghandu facilita' bankarja ghal dejn li huwa ghamel ma' terzi. Il-Qorti tirrileva li minkejja li jidher li hemm facilita' bankarja ma' terzi, il-minuri u l-ghixien taghha ghandhom dejjem jiehdu precedenza. Wara kollox, l-intimat li huwa ragel adult irid necessarjament jerfa' r-responsabbilita' ta' bintu bhala tali irrispettivament mill-*commitments* finanzjarji tieghu u dan ghaliex hekk kif din

il-Qorti diversament preseduta rreteniet diversi drabi, l-obbligu tal-manteniment versu l-ulied "***..m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut***" (ara l-kawza fl-ismijiet **Maria Bugeja et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja**).

Il-Qorti tara illi fic-cirkustanzi, anke tenut kont li ilu ma jhallas manteniment xieraq u jirrizulta b'mod car li qieghed jonqos milli jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, l-intimat ghandu jhallas manteniment in kwantu ghal somma fix-xahar li tinkludi s-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

**Dwar it-Talba Ghall-Access Favur l-Intimat**

Dwar din it-talba il-Qorti thoss li l-minuri ghandha jkollha l-opportunita' li b'xi mod izzomm relazzjoni ma' missierha. Pero' fl-istess hin, mill-provi jirrizulta wkoll li l-intimat m'huwiex kapaci jikkomunika mal-minuri, anke forsi minhabba l-kondizzjoni taghha. Fic-cirkustanzi, anke tenut kont li il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tkellem lill-minuri (*stante* li hekk kif jirrizulta mid-diversi dokumenti esebiti, l-minuri ghandha problema biex tikkomunika), jkun opportun li tali access jigi ezercitat taht supervizjoni ta' *social worker* bil-ghan li jekk dejjem ikun irid l-intimat, tghinu jibda xi forma ta' komunikazzjni ma' bintu. B'hekk ukoll jigu evitati episodji fejn l-istess intimat jghajjar jew juza kliem li mhux xieraq fil-konfront ta' bintu.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:
1. Tilqa' l-ewwel talba billi tassenja u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri R f'idejn ir-rikorrenti ommha b'mod esklussiv;
2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas manteniment lir-rikorrenti ghal bintu l-minuri R;
3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba billi tiffissa s-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) kull erba' gimghat bhala manteniment dovut mill-intimat li jrid jithallas lir-rikorrenti ghall-minuri u tordna lill-istess intimat sabiex ihallas dan il-manteniment hekk likwidat;

4. Tilqa' r-raba' talba fis-sens li tordna li l-intimat ikollu access ta' darbtejn fil-gimgha ta' saghtejn kull darba, liema access ghandu jigi ezercitat fil-prezenza ta' *social worker* a spejjez tal-istess intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------